# U Alla Reġa' Beka

Carmel G. Cauchi

*Miktuba nhar il-Ġimgħa 13 ta' Novembru 2015 meta l-Grupp Iżlamiku Fundamentalista ISIS għamel straġi f'Pariġi b'diversi attakki terroristiċi kordinati li ħallew 130 ruħ mejta u 368 midruba.*

... u Alla reġa' beka
u xerred wied ta' dmugħ
għax reġa' t-terroriżmu b'qilla qatel
qrib mija w tletin ruħ ...
u darab mijiet oħra mingħajr ħtija
f'orġja sħiħa ta' kefrija.

Rajt 'l Alla jaħbi wiċċu
fis-skiet b'idejh imriegħda
xħin lemaħ tant mibegħda
fi qlub ebsin azzar
li jnisslu mewt u mrar.

Rajt qalbu ġo Pariġi
tingħasar, tnixxi d-demm
għad-dehra tal-vjolenza
li toktor kulma jmur minflok tintemm ...

Illum rajt ġo Pariġi
lil Alla b'ħass ħażin
bla jista' jifhem sewwa
il-għala daqstant dnewwa
issir f'ismu w għalih,
u kif qatt jistgħu jaħsbu
li biha jagħtuh ġieħ!